

Brussell, 2 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

10962/20

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0130(NLE)

---

CLIMA 211  
ENV 534  
ENER 327  
IND 166  
COMPET 452  
MI 381  
ECOFIN 878  
TRANS 441  
AELE 67  
CH 27

**NOTA PUNT "I/A"**

|                 |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|-----------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:           | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| lil:            | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| Nru. dok. preċ. | 10470/20                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| Nru dok. Cion:  | 9256/20 + ADD 1                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Suġġett:        | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I u II tal-Ftehim u l-adozzjoni tal-Istandards Tekniċi tal-Kollegament<br>- Adozzjoni |

1. Fl-10 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2017/2240 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom<sup>1</sup>. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017.

---

<sup>1</sup> ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1.

2. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219<sup>2</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
3. L-Artikolu 12 tal-Ftehim jistabbilixxi Kunitat Konġunt, li huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim, il-Kunitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 3(7) tal-Ftehim, l-amministratur tar-reġistru Żvizzeru u l-amministratur ċentrali tal-Unjoni għandhom jiżviluppaw Standards Tekniċi tal-Kollegament (LTS) abbażi tal-prinċipji stabbiliti fl-Anness II tal-Ftehim.
4. Fit-23 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I u II tal-Ftehim u l-adozzjoni tal-Istandards Tekniċi tal-Kollegament<sup>3</sup>.
5. Fis-16 ta' Lulju 2020, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-proposta tal-Kummissjoni. Abbażi tad-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma u l-kummenti tad-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet proposta ta' kompromess li l-Grupp qabel dwarha fid-9 ta' Settembru wara proċedura ta' silenzju informali<sup>4</sup>.
6. Għaldaqstant, il-Kunitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunitat Konġunt, stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I u II tal-Ftehim u l-adozzjoni tal-Istandards Tekniċi tal-Kollegament<sup>5</sup>.

---

<sup>2</sup> ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1.

<sup>3</sup> 9256/20 + ADD 1

<sup>4</sup> 10470/20

<sup>5</sup> 10679/20 (Deċiżjoni tal-Kunsill) u 10836/20 (abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunitat Konġunt).

7. It-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ser jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
-